**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Justin Micallef**

Kaz Numru: 675/2015

Illum 22 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Justin Micallef, iben Alfio u Gracie Jennie Micallef imwieled tal-Pieta' nhar l-4 ta' Mejju 1997 u residenti Australiana, Flat 3, Triq Hal Ghaxaq, Gudja, detentur ta' karta tal-identita' 208097M:

Talli fil-Gudja, nhar l-14 ta' Gunju 2015 gahl habta tas-01:30 ta' filghodu;

1. Wettaq serq ta' mobile phone li hu kwalifikat bil-mezz, bil-lok u hin;
2. Bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta ta' haddiehor;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta kif ukoll il-fatt li rritorna l-mowbajl.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 20, 261(b)(e)(f), 263(a), 269 (g), 270, 278(3) u 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Dr Annalisa Debono u Andrew Pace taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat